

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispazju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Malta

# L-ispazju tiegħi tal-Ġustizzja elettronika

Malta



Malta

Malta hija meqjusa bħala mexxejja fis-servizzi elettroniċi tal-gvern fl-Ewropa.[1] Is-sistema online tagħha tiġi aċċessata permezz ta' kont tal-e-ID, li huwa konness mal-e-IDs tar-residenti. Skont l-awtorità kompetenti u t-tip ta' servizz, is-servizzi jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' siti web differenti. Barra minn hekk, xi talbiet iridu jintbagħtu bl-email minflok b'formoli elettroniċi.

Il-kont tal-e-ID jista' jintalab bl-email, bit-telefown jew personalment. Meta indirizz elettroniku ma jkunx ġie pprovdut mill-klijent, jew tkun meħtieġa bidla fl-email, it-talba għall-kont tal-e-ID u t-talba għall-bidla fl-email personali jistgħu jsiru biss personalment. Il-kont tal-e-ID huwa rekwiżit biex jintużaw is-Servizzi elettroniċi tal-Gvern. Iċ-ċittadini Maltin kollha u d-detenturi ta' dokument elettroniku ta' residenza li għandhom aktar minn 14-il sena jistgħu jirreġistraw għall-kont tal-e-ID. Aktar informazzjoni hija disponibbli [hawn](#).

Is-sit web [servizz.gov](#) huwa gwida online għas-servizzi tal-gvern li jistgħu jiġu aċċessati kemm online kif ukoll fuq il-post.

[1] Ara l-Parametru Referenzjarju tal-Gvern Elettroniku għall-2021:

<https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2021/November/12/pr212032en.aspx>; u l-

Parametru Referenzjarju tal-Gvern Elettroniku għall-2022:

<https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/egovernment-benchmark-2022>

## Possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-għajnuna legali

Applikazzjoni għall-għajnuna legali tista' titnieda personalment jew online billi tiġi aċċessata din il-[link](#).

Għal aktar informazzjoni, ikkonsulta l-[Fuljett dwar l-Għajnuna Legali](#).

## Kumpens

Iċ-ċittadini Maltin u tal-UE huma intitolati li jitolbu kumpens għal danni mġarrba minħabba reat kriminali sakemm dawn id-danni kienu soġġetti għal proċedimenti kriminali jew irrappurtati lill-Pulizija. Il-kumpens jista' jintalab mill-vittma nnifisha, minn persuna dipendenti jew inkella minn kwalunkwe persuna oħra li tkun ġarrbet spejjeż bħala riżultat ta' reat sostnut mill-vittma.

Possibbiltà li l-proċedura tiġi kkompletata kompletament online: Le. L-applikazzjoni hija disponibbli online biex tiġi stampata, u mbagħad tiġi kkompilata manwalment peress li tirrikjedi firma.

Tista' ssib aktar informazzjoni [hawn](#).

---

## Ftuħ ta' kawża ċivili online

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Għadd limitat ta' kawżi ċivili jistgħu jinfetħu online permezz tal-pjattaforma [eCourts](#), u tista' ssib lista tagħhom [hawn](#). Madankollu, kawżi oħra jridu jinfetħu personalment.

Awtorità kompetenti: L-Aġenzija tas-Servizzi tal-Qorti

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: MHUX APPLIKABBLI
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Il-verifika u l-illoggjar biex tinfetħ kawża ċivili huma possibbli permezz tal-e-ID.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Formola online li għandha timtela. Kopja skennjata tal-applikazzjoni ffirmata trid tiġi mehmuża mal-formola elettronika. Id-dokumenti ta' sostenn applikabbli jistgħu jiġu mehmuża.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Il-kopja skennjata ppreżentata online hija meqjusa bħala d-dokument oriġinali.

Possibbiltà li l-proċedura tiġi kkompletata kompletament online: Huwa biss il-bidu tal-preżentazzjoni ta' ċerti kawżi ċivili li jista' jiġi kkompletat online.

Kost: Jiddependi mill-każ. L-iskeda tal-kostijiet hija annessa fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Link: <https://ecourts.gov.mt/onlineservices/JForms/Index?JFormJurisdictionId=1>

Aktar informazzjoni dwar kif tibda kawża ċivili f'Malta hija disponibbli [hawn](#).

---

## Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

F'Malta, id-dokumenti ma jistgħux jiġu notifikati elettronicament fi proċedimenti ċivili.

---

## Parteċipazzjoni fi rkanti ġudizzjarji

L-irkanti ġudizzjarji online attwalment mhumiex disponibbli f'Malta.

---

## Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Is-servizzi ta' medjazzjoni f'Malta huma disponibbli għal dawk li jixtiequ jużawha fuq bażi volontarja. *Il-medjazzjoni għal separazzjoni u/jew divorzju għandhom jiġu riferuti lill-Qorti tal-Familja, u mhux liċ-Ċentru għall-Medjazzjoni ta' Malta.*

Awtorità kompetenti: Ċentru għall-Medjazzjoni ta' Malta

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: Il-medjazzjoni tista' tintuża f'tilwim li jinvolvi kwistjonijiet ċivili, tal-familja (eż. tilwim dwar wirt jew tilwim li jirriżulta minn negozji tal-familja), soċjali, kummerċjali jew industrijali.
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Il-verifika u l-illoggjar biex tintalab medjazzjoni huma possibbli permezz tal-e-ID.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Trid tiġi ppreżentata formola online.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura tiġi kkompletata kompletament online: Iva.

Kost: Jiddependi mit-tip ta' medjazzjoni:

- Tilwim dwar il-medjazzjoni tal-familja - EUR 35
- Medjazzjoni li tinvolvi Organizzazzjonijiet Volontarji kif definit fl-Att dwar l-Organizzazzjoni Volontarja (Art. 3) - EUR 35
- Medjazzjoni li tinvolvi kwalunkwe Awtorità oħra stabbilita bil-liġi - EUR 50
- Tilwim li ma jinvolvix valur monetarju - EUR 70
- Għat-tilwim l-ieħor kollu - EUR 120

Link:

[https://www.servizz.gov.mt/en/Pages/Police\\_Justice-and-Defence/Justice/Courts-of-Justice/WEB2253/default.aspx](https://www.servizz.gov.mt/en/Pages/Police_Justice-and-Defence/Justice/Courts-of-Justice/WEB2253/default.aspx)

Aktar informazzjoni dwar kif taċċessa l-medjazzjoni f'Malta hija disponibbli [hawn](#).

---

## Il-formazzjoni tal-kumpaniji u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Skop u kamp ta' applikazzjoni: Ir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta (Malta Business Registry) għandu sistema online li tippermetti lill-utenti jirreġistraw kumpanija u jippreżentaw formoli użati b'mod komuni. Is-sistema tippermetti li l-ismijiet tal-kumpaniji jiġu riżervati online. Barra minn hekk, il-formoli u l-avviżi statutorji kollha huma disponibbli fuq is-sit web. Ir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta jippermetti wkoll it-tfittxija għal kumpanija. Dan huwa disponibbli mingħajr ma wieħed jilloggja fil-pjattaforma.

Awtorità kompetenti: Ir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: MHUX APPLIKABBLI
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Is-sit web jirrikjedi reġistrazzjoni li għaliha huma meħtieġa dettalji personali. Is-servizzi online huma disponibbli wara li wieħed jilloggja fil-pjattaforma.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: MHUX APPLIKABBLI

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura tiġi kkompletata kompletament online: Iva.

Kost: Biex taċċessa l-istruttura tat-tariffi relattiva għar-reġistrazzjoni ta' kumpanija, segwi din il-[link](#).

Link: <https://registry.mbr.mt/ROC/>

Aktar informazzjoni dwar kif tirreġistra kumpanija f'Malta hija disponibbli [hawn](#) u [hawn](#).

---

## Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Skop u kamp ta' applikazzjoni: L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, flimkien mal-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni ta' Malta (MITA) u l-Università ta' Malta (UoM), nedew il-Pjattaforma Nazzjonali tat-Teknoloġija tal-Lingwi (National Language Technology Platform, NLTP) imsejħa "Traduzzjoni.mt" li tipprovi traduzzjoni awtomatika ta' kwalità għolja tat-test lejn u mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Il-pjattaforma hija partikolarment ta' għajna għat-traduzzjoni ta' test legali u test relatat mas-settur tas-saħħa pubblika.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti tal-eliġibbiltà: L-NLTP hija aċċessibbli liberament għall-utenti kollha
- Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni: Minbarra l-aċċess bla ħlas, il-pjattaforma toffri wkoll l-għodda CAT li tippermetti lill-utenti jirreġistraw bil-kont CORP tagħhom (jekk ikunu impjegati tal-Gvern ta' Malta) jew bl-E-ID. Din il-karatteristika tippermetti lill-utenti li jkunu qed jittraduċu dokumenti sħaħ jissejvjaw xogħolhom u jirritornaw għalih aktar tard.
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: MHUX APPLIKABBLI

Effetti legali ta' dokument elettroniku: MHUX APPLIKABBLI

Possibbiltà li l-proċedura tiġi kkompletata kompletament online: Iva.

Kost: Mingħajr ħlas

Link: <https://traduzzjoni.mt>

Aktar informazzjoni dwar il-proġett NLTP tista' tiġi aċċessata [hawn](#).

---

L-aħħar aġġornament: 26/03/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.